MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Talba Numru. 18/2008/1

Jason Gauci

vs

Emanuel Caruana ; Kooperativa Ghawdxija Agrikola Gozitano Limited ; u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2009, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Grimana Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Mejju 2008, li jaqra hekk :-

'Ghidu intom konvenuti jew min minnkom il-ghaliex ma ghandkomx tigu kundannati thallsu lill-attur l-ammont ta' elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin ewro centezmi (€1630.56) (Lm700) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnkom ghal xogholijiet ta' bajjad li huwa wettaq fil-garaxx tal-Gozitano Grading Centre fuq struzzjonijiet u ghall-beneficcju taghkom. Minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li sarulkom, intom bqajtu tirrifjutaw li

thallsu dan l-ammont u ghalhekk l-attur kellu jipprocedi b’din il-kawza ;

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Mejju 2008, u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.’ ;

Il-konvenuti Emanuel Caruana u l-Kooperativa Ghawdxija Agrikola Gozitano Limited permezz tar-risposta taghhomipprezentata fil-5 ta’ Settembru 2008, eccepew :-

‘1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi huwa fl-ewwel lok sottomess li l-attur m’ghandu dritt li jitlob l-ebda hlas minghand l-esponenti peress li huma diga’ hallsuh a saldu tax-xogholijiet kollha effetwati minnu. Minkejja dan, ix-xogholijiet esegwiti minnu ma sarux skond is-sengha u l-arti ;

3. Fi kwalunkwe’ kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, anki f’kaz li jirrizulta li l-hlas jew parti mill-hlas mitlub mill-attur huwa gustifikat, peress li x-xogholijiet maghmula minnu ma sarux skond is-sengha u l-arti, l-attur mhuwiex intitolat ghall-hlas qabel ma jaghmel a spejjez tieghu x-xogholijiet rimedjali necessarji minhabba n-nuqqas tieghu ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.’ ;

Illi b’digriet tat-13 ta’ Mejju 2009, giet kjamata fil-kawza l-kumpanija Grimana Limited, u permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-3 ta’ Gunju 2009, gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi huwa fl-ewwel lok sottomess li l-attur m'ghandu dritt li jitlob l-ebda hlas minghand l-esponenti peress li huma diga' hallsuh a saldu tax-xogholijiet kollha effetwati minnu. Minkejja dan, ix-xogholijiet esegwiti minnu ma sarux skond is-sengha u l-arti ;

3. Fi kwalunkwe' kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, anki f'kaz li jirrizulta li l-hlas jew parti mill-hlas mitlub mill-attur huwa gustifikat, peress li x-xogholijiet maghmula minnu ma sarux skond is-sengha u l-arti, l-attur mhuwiex intitolat ghall-hlas qabel ma jaghmel a spejjez tieghu x-xogholijiet rimedjali necessarji minhabba n-nuqqas tieghu ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija azzjoni ghall-hlas ta' prezz ta' xogholijiet li wettaq l-attur f'wiehed mill-imhazen tal-kooperattiva Ghawdxija Agrikola Gozitano Limited, li jinsab mikri lill-kumpanija Grimana Limited ;

Skond l-attur hu kien gie nkarigat biex (i) inaddaf partijiet mis-saqaf tal-mahzen fejn ix-xibka tal-bejt kienet sadded u faqghet il-kisi', u sar kisi' mill-gdid tal-istess irqajja tas-saqaf wara li sar it-tindif u trattament tax-xibka fejn din kienet issadded, (ii) brix tal-bejt tal-mahzen mill-hass li kien trabba' fuqu u kisi' tal-istess bejt bil-*water proofing membrane*, u (iii) titjir tas-sement biex twitta s-saqaf tal-mahzen f'dawk il-partijiet mill-istess saqaf li baqghu shah, kisi' ta' partijiet mill-kolonni fejn il-konkos kien faqa' jew gie mtajjar bid-daqqiet tat-trakkijiet, u tibjid tas-saqaf u tal-hitan tal-mahzen minn gewwa ;

L-attur spjega li x-xoghol tal-brix, tiswija tal-bejt, u kisi' tal-bejt bil-*water proofing membrane* sar fuq inkarigu tal-kooperattiva konvenuta. Il-prezz ghal dan ix-xoghol kien ta' disgha mija u tnejn u sittin liri Maltin (Lm960), illum ekwivalenti ghal elfejn mitejn u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmi (€2,240.86), u jikkonferma li dan il-kont kien gie saldat mill-kooperattiva. Dwar ix-xoghol li sar minn gewwa, l-attur jispjega li huwa kien ta zewg stimi, u cioe' stima ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450), illum ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1048.22) ghax-xoghol ta' tikhil u tibjid tal-hitan fuq gewwa li skond hu, sar fuq inkarigu tal-kumpanija Grimana Limited, u stima ohra ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700), illum ekwivalenti ghal elf sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1630.56) ghax-xoghol li sar fis-saqaf u fil-kolonni, li skond hu sar fuq inkarigu tal-kooperattiva konvenuta. Tax-xoghol li sar fuq inkarigu tal-kumpanija Grimana Limited, l-attur jikkonferma li hu kien thallas ukoll il-pagament ta' erbgha mitt lira Maltin (Lm400). Il-kawza qed jaghmilha biex jithallas tax-xoghol li sar biex inksew dawk il-partijiet mis-saqaf fejn il-konkos tal-bejt kien faqa', twittija tas-saqaf, tibjid tas-saqaf, u trangar u tibjid tal-kolonni, u ta' dan ix-xoghol l-attur kien ta stima ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700), illum ekwivalenti ghal elf sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,630.56) ;

L-attur baqa' la esibixxa ebda kont jew fattura tax-xoghol u/jew tal-materjal li tieghu qed jippretendi l-hlas, u lanqas ma ta ebda rendikont tax-xoghol li sar minnu, u tal-materjal li gie wzat, il-hin jew numru ta' sieghat li hadlu dan ix-xoghol, li tieghu qed jitlob il-hlas indikat fl-avviz tat-talba ta' elf sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1630.56) ;

Ghalkemm l-attur jikkonferma li x-xoghol li tieghu qed jitlob il-hlas sar fuq inkarigu tal-kooperattiva konvenuta, fatt pero' li gie negat kategorikament mill-kooperattiva konvenuta, huwa ghazel li jipprocedi wkoll fil-konfront tal-konvenut Emanuel Caruana, meta hu stess iddikjara in kontro-ezami li kien jaf li meta iben dan il-konvenut, u

cioe' Andrew Caruana, kien inkarigah jaghmel x-xoghol li tieghu l-attur iddikjara li thallas ukoll, hu kien qallu li l-mahzen kien ta' kumpanija tieghu u ta' missieru. Fil-fatt l-ircevuta tal-hlas ta' erbgha mitt lira Maltin (Lm400), l-attur harigha fuq il-kumpanija Grimana Limited. Huwa manifest mill-atti li l-konvenut Emanuel Caruana personalment gie mharrek inutilment, u l-ispejjez relattivi ghal dan il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess attur ;

L-Avukat Dottor Joseph Grech, kuntrarjament ghal mod neboluz li bih xehed l-attur, spjega b'mod car f'hiex kien jikkonsisti l-inkarigu li l-kooperattiva kienet afdat lill-attur bih li kellu jaghmel, fis-sens li huwa kien gie nkarigat mix-xoghol biss li kellu jsir minn naha ta' barra tal-mahzen, u cioe' x-xoghol li sar fuq il-bejt, liema xoghol appena dan sar u l-attur ipprezenta l-kont lill-kooperattiva konvenuta, kien gie saldat. L-Avukat Grech kompla jispejga li l-kooperattiva konvenuta ma nkarigat lill-attur jaghmel ebda xoghol fuq in-naha ta' gewwa tal-mahzen, u kwalsiasi' xoghol li kellu jsir fuq gewwa kellha taghmel tajjeb ghalih il-kumpanija kjamata fil-kawza Grimana Limited. L-unika diskors li sar dwar xoghol mill-attur mal-kooperattiva konvenuta kien biss ma' l-Avukat Joseph Grech, u ma' hadd aktar. Almenu mill-provi ma jirrizultax li sar ebda diskors jew ftehim ma xi dirigent jew dirigenti ohra tal-kooperattiva konvenuta, u ma jissemma' hadd aktar hlief l-Avukat Grech, u ghalih biss ghamel riferenza l-attur kull meta rrefera ghad-diskussjonijiet li huwa kellu mal-kooperattiva konvenuta ;

L-attur isostni li x-xoghol li kien gie ordnat li jaghmel minn Andrew Caruana ghall-kumpanija Grimana Limited, dan kien thallas tieghu minghand din il-kumpanija, u jippretendi l-hlas imsemmi fl-avviz tat-talba minghand il-kooperattiva konvenuta billi skond hu, dan ix-xoghol kienet ordnatu l-kooperattiva konvenuta. Din il-verzjoni tal-attur pero' ma tinsab korroborata minn imkien mill-atti. Kif tajjeb gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, deciza fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'decizjonijiet simili in re : **Zammit vs Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u

**Vassallo vs Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Jghid a propositu l-**Mattirolo** ("**Diritto Giudiziario**", Vol.III para 306) : *"Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all'una e all'altra prova … … vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove ed il giudice deve pronunziare in conformita` alla sua convinzione, ossia della morale certezza*." ;

Inghad ukoll li : 'Meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet.' [Qoti tal-Appell, **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et**, deiza fit-23 ta' Settembru 2009]. Il-fatt li t-Tribunal zamm access fil-mahzen fejn saru x-xogholijiet li taghhom l-attur qed jippretendi l-hlas minghand il-kooperattiva konvenuta, u gew indikati lilu x-xogholijiet, ma nghatat ebda spjegazzjoni mill-attur li tikkonvinci lil dan it-Tribunal f'hiex ezatt kien jikkonsisti x-xoghol li sar minn naha ta' gewwa tal-mahzen li tieghu l-attur kien baqa' ma thallasx. Il-mod

konfuzjonarju u nkonsistenti li bih xehed l-attur lanqas ma kien ta’ suffragju ghall-attur li jista’ jinghad li huwa pprova l-kaz tieghu sodisfacentement. Lanqas baqghet ma nghatat mill-attur raguni konvincenti ta’ kif wasal ghall-ammont li tieghu qed jitlob il-hlas pretis ;

Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax isir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh. Fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal dokumenti (Artikolu 627 et seq., Kapitolu 12) u xhieda (Artikolu 563 et seq., Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 ta' l-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant. Mill-atti pero’ ma jirrizultawx dawn ic-cirkostanzi partikolari u lanqas dawk il-provi li jissoddisfaw lil dan it-Tribunal li jimmilitaw favur il-pretensjoni tal-attur ;

Inghad li : ‘Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal probabilitajiet. Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu’ [Appell Civili, **Saviour Farrugia noe vs Margaret Vella et**, 09.02.2001] ;

It-Talba attrici ghalhekk ma tinsabx ippruvata sodisfacentement u konkludentement, u mhix ser tintlaqa’ ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jichad it-talba tal-attur ;

L-ispejjez tal-konvenuti ghandhom jibqghu a karigu tal-attur filwaqt li l-kumpanija kjamata fil-kawza ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tar-risposta taghha stante li l-eccezzjonijiet minnha sollevati huma identici ghal kollox ghal dawk tal-konvenuti l-ohra, u ma kien hemm ebda htiega ta’ risposta ohra u kien bizzejjed ghall-kjamata fil-kawza li assocjat ruhha ma’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra, u ghalhekk l-ispejjez relattivi ghal din ir-risposta taghha ghandha taghmel tajjeb ghalihom hi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------